

2. Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, id-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni applikabbli fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tobbliga lil dan l-Istat Membru jippermetti li l-profitti mqassma, li kumpannija ta' dan l-Istat tiġbor mis-sussidjarja tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor, ikunu totalment deduċibbli mill-ammont ta' profitti tas-sena fiskali u li jippermettu li t-telf li jirriżulta jkun jista' jiġi mressaq fuq sena fiskali oħra ?
3. Jekk l-imsemmija Direttiva 90/435/KEE għandha tiġi interpretata fis-sens li s-sistema Belġjana tmur kontra l-Artikolu 4 (1) għall-profitti mqassma li l-kumpannija prinċipali Belġjana tiġbor minn sussidjarja fl-Unjoni Ewropea, għandu jiġi konkluż li din id-dispożizzjoni tad-direttiva tipprekludi wkoll l-applikazzjoni tas-sistema Belġjana għall-profitti mqassma li kumpannija prinċipali Belġjana tiġbor minn sussidjarja Belġjana meta, b'hal f'dan il-każ partikolari, il-leġiżlatur Belġjan iddeċieda li jittrasponi d-direttiva fid-dritt Belġjan billi jiġu ttrattati s-sitwazzjonijiet purament interni bl-istess mod b'has-sitwazzjonijiet irregolati mid-direttiva u li b'hekk adatta wkoll il-leġiżlazzjoni Belġjana għad-direttiva għas-sitwazzjonijiet purament interni ?
4. L-Artikolu 43 tat-Trattat KE jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tkun trid li, fit-tassazzjoni abbażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji, l-eżenji tal-profitti mqassma li kumpannija tiġbor mis-sussidjarja tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor f'sena fiskali tiġi limitata fl-ewwel Stat Membru għal ammont tal-profitti tal-perijodu taxxabli li fih il-profitti tqassmu (wara tnaqqis ta' ċertu ħruġ stabbilit skond il-liġi) b'mod li l-profitti mqassma jistgħu jkunu totalment eżenti jekk din il-kumpannija kienet waqfiet stabbiliment stabbli fl-Istat Membru l-ieħor?

(<sup>1</sup>) ĠU L 225, p. 6.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Naczelny Sąd Administracyjny (Il-Polonja) fid-19 ta' Novembru 2007 — K-1 sp. z o.o. vs Izba Skarbowa w Bydgoszczy**

(Kawża C-502/07)

(2008/C 22/55)

Lingwa tal-kawża: l-Pollak

## Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja).

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: K-1 sp. z o.o..

Konvenuta: Izba Skarbowa w Bydgoszczy.

## Domandi preliminari

- 1) L-ewwel u t-tieni paragrafi ta' l-Artikolu 2 ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill tal-11 ta' April 1967 (<sup>1</sup>) fuq l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-bejgħ, meħuda flimkien ma' l-Artikoli 2, 10(1)(a) u 10(2) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977 (<sup>2</sup>), fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, jipprekludu l-possibilità li, għall-fini ta' taxxa fuq merkanzija u servizzi, jiġi impost obbligu fuq persuna taxxabli li tħallas taxxa addizzjonali skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 109(5) u (6) ta' l-Ustawa o Podatku od Towarów i Usług (Liġi dwar it-taxxa fuq merkanzija u servizzi) tal-11 ta' Marzu 2004 ... fil-każ li jiġi stabbilit li, għal finijiet ta' taxxa fuq merkanzija u servizzi, fid-dikjarazzjoni tat-taxxa mibgħuta, il-persuna taxxabli indikat ammont tad-differenza fit-taxxa li għandha terġa' tiġi mħallsa jew tat-taxxa ta' l-input li għandha terġa' tiġi mħallsa li huwa akbar mill-ammont dovut ?
- 2) “[M]iżuri speċjali” previsti fl-Artikolu 27(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, jistgħu jikkonsistu, b'kunsiderazzjoni għan-natura u l-għan tagħhom, fil-possibilità li jiġi impost fuq persuna taxxabli, għal finijiet ta' taxxa fuq merkanzija u servizzi, obbligu ta' taxxa addizzjonali stabbilita permezz ta' deċiżjoni ta' l-awtorità tat-taxxa fil-każ li jiġi stabbilit li l-persuna taxxabli ddikjarat ammont akbar tad-differenza fit-taxxa li għandha terġa' tiġi mħallsa jew ammont akbar ta' taxxa ta' l-input li għandha terġa' tiġi mħallsa ?
- 3) Is-setgħa mogħtija bis-saħħa ta' l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, tinkudi d-dritt li jidhhal l-obbligu ta' taxxa addizzjonali imsemmi fl-Artikolu 109(5) u (6) ta' l-Ustawa o Podatku od Towarów i Usług tal-11 ta' Marzu 2004 ...?

(<sup>1</sup>) ĠU 71, p. 1301.

(<sup>2</sup>) ĠU 1977 L 145, p. 1.